# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 1972/2025/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Alexander Fenech**

Illum it-tmienja (8) ta' Mejju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellat **Alexander Fenech**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 250680(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli bħala direttur u għan-nom u/jew in rappreżentanza ta' E.C. Municipals Limited (C62598) u/jew bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skont l-Att XXIII tal-1998 u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att:

1. waqt telefonata li seħħet fit-12 ta' Diċembru 2022 irriżulta li hu, jew impjegati tiegħu jew xi persuna oħra li kienet qed

tağixxi għan-nom tiegħu, naqas li jagħti jew jipproduċi riċevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali jew kotba ta' riċevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet speċifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont il-kumpens lilu mħallas għal servizzi provduti lil Ambjent Malta fis-7 ta' Diċembru 2021, fis-17 ta' Jannar 2022 u fit-18 ta' Ġunju 2022 ġewwa Ta' Qali, Triq Indri Grima – Swatar, Selmun – Mellieħa, Għar Ħasan – Ħal Far, Aħrax – Mellieħa u l-Magħluq Area – Marsaskala u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u Artikoli 13(8), 51, 77(a) u (e), 78, 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, timponi multa li ma tkunx inqas minn darbtejn it-taxxa perikolata, liema somma ma kellhiex tkun anqas minn €24,023.44 u dan skont Artikolu 77 tal-imsemmi Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Frar 2025, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u u b'hekk illiberatu minn kull ħtija u piena.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fl-24 ta' Marzu 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha **tħassar u tirrevoka** s-sentenza u tgħaddi sabiex terġa' tibgħat l-atti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u/jew sabiex tiddisponi mill-każ skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-19 ta' Frar 2025.

Illi fl-uniku aggravju mressaq mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta waslet għad-deċiżjoni tagħha li tillibera lill-appellat allura imputat minħabba li qieset li l-artikoli kkwotati mill-Prosekuzzjoni ma kienux jeżistu. L-appellant jagħmel riferenza għaċ-ċitazzjoni li tirreferi għad-dispożizzjonijiet tal-Att Numru XXIII tal-1998. Jgħid li dan l-Att jipprovdi dwar l-impożizzjoni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, liema Att mid-data tal-promulgazzjoni tiegħu ġie sussegwentement emendat permezz ta' Atti u Avviżi Legali u li llum huwa l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ossia Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Jagħmel riferenza għal Artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jargumenta li l-Qrati tagħna ripetutament tennew li ċ-ċitazzjoni hija l-*avviso a comparire* li biha l-persuna mixlija tingħata d-data u l-ħin ta' meta hija mistennija tidher quddiem il-Qorti u dan għall-kuntrarju ta' meta persuna titressaq il-Qorti taħt arrest.

Illi l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti njorat dak li titlob il-liġi fejn qabdet u lliberat lill-appellat meta dan ma setgħetx tagħmlu u dana meta l-appellat kellu l-mezzi kollha sabiex jirregola l-pożizzjoni tiegħu billi jitlob differiment sabiex jipprepara d-difiża tiegħu fir-rigward ta' dak li huwa ġie akkużat bih. Jisħaq li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn qieset li l-artikoli ċitati fiċ-ċitazzjoni huma ineżistenti hija dikjarazzjoni żbaljata. Jisħaq li Att Numru XXIII tal-1998 ġie emendat b'numru ta' Avviżi Legali u li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tħares lejn l-Att fl-ewwel forma tiegħu ndikat iżda kellha tara li timxi mal-verżjoni emendata li tirrifletti ż-żmien tal-imputazzjoni fil-konfront tal-appellat. Jargumenta li minn qari tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta joħroġ biċ-ċar (għall-kuntrarju ta' dak li qalet l-Ewwel Qorti) li l-artikoli ċitati u d-diċitura tagħhom rifless fl-imputazzjoni jeżistu u huma applikabbli għall-każ odjern u dana għaliex fil-perjodu taż-żmien tal-imputazzjoni, dawn id-disposizzjonijiet kienu (u għadhom) applikabbli. Jgħid li l-Prosekuzzjoni anqas biss ingħatat iċ-ċans tippreżenta l-provi tagħha fir-rigward ta' dak li l-appellat allura

imputat ġie akkużat bih quddiem l-Ewwel Qorti. Jagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali b'mod partikolari għas-sentenza appellata u jistaqsi: *"kif jista' jkun li l-Ewwel Qorti rat il-provi preżentati, ix-xhieda u l-atti kollha tal-każ meta kienet l-istess Qorti li lanqas biss tat ċans li jiġu prodotti l-provi u x-xhieda in sostenn tal-akkuża mill-Prosekuzzjoni?"*. Jagħmel riferenza għad-*decide* tas-sentenza appellata u jistaqsi kif l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellat wara li qalet li rat l-artikoli tal-liġi meta hija stess tgħid li dawn l-artikoli ma jeżistux?!

Illi fis-sottomissjonijiet bil-fomm li nstemgħu quddiem din il-Qorti l-konsulent legali tal-appellat għamel riferenza għal ċirkostanzi li skont hu ġraw quddiem l-Ewwel Qorti. Għal kull buon fini jiġi nnutat li dawn iċ-ċirkostanzi ma jirriżultaw minn imkien mill-atti proċesswali. Din il-Qorti hija obbligata li timxi fuq dak li jirriżultalha mill-atti proċesswali u mhux fuq dak li seta' jingħad jew seta' sar quddiem l-Ewwel Qorti!

Illi dwar l-aggravju in eżami jkun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali ta' dan il-każ. Din il-Qorti tinnota li sa meta ġie ppreżentat l-appell mill-appellant Avukat Ġenerali, l-atti proċesswali ta' dan il-każ jikkonsistu fis-segwenti:

- iċ-ċitazzjoni li fiha mniżżla dak li l-appellat allura imputat ġiet akkużat bih quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 1);

- il-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fid-19 ta' Frar 2025 li jaqra hekk (*a fol.* 2):

  *"Meta ssejħet il-kawża dehret Dr. Vincienne Vella għad-Dipartiment tal-VAT.*

  *Deher l-imputat assistit minn Dr. Joseph Mizzi.*

  *Il-Qorti tara li l-artikli ċitati huma ineżistenti.*

  *Ingħatat sentenza"*

- in-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn fiha għarraf lill-Ewwel Qorti bil-ħsieb li jappella mis-sentenza mogħtija minnha u fejn talab sabiex l-atti proċesswali jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali (*a fol.* 3);

- is-sentenza appellata (*a fol.* 4 *et seq.*);

- dokument rigwardanti notifika lill-Avukat Ġenerali li huwa datat 5 ta' Marzu 2025 (*a fol.* 7);

- ir-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali (*a fol.* 8 *et seq.*).

Illi jkun opportun li f'dan l-istadju ssir riferenza għal dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Hija qalet hekk fis-sentenza appellata (*a fol.* 4 *et seq.*):

> "L-artikoli ċitati huma ineżistenti. L-imputat irid ikun jaf eżattament ta' xiex qed jiġi akkużat u l-livell ta' provi rikjest fil-kamp kriminali dapparti tal-Proskuzzjoni ta' "beyond reasonable doubt" ma ntlaħqitx mill-Prosekuzzjoni. Rat partita 10 dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud u 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-Artikoli 13(8), 51, u 77(a) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998 tal-Liġijiet ta' Malta huma ineżistenti."

Illi mingħajr ma' din il-Qorti tidħol fil-kwistjoni dwar il-fatt jekk l-artikoli ċitati mill-Prosekuzzjoni humiex ineżistenti jew le, din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti qabdet u ddeċidiet li dawn l-artikoli ma kienux jeżistu mingħajr ma semgħet assolutament xejn. Dan jirriżulta mill-uniku verbal tal-uniku seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti u li ġie ċitat aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Apparti minn dan, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti tgħid li rat il-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni u li rat lix-xhieda prodotti mill-istess Prosekuzzjoni. Dwar dan din il-Qorti tistaqsi x'kienu l-provi li l-Ewwel Qorti tgħid li rat u x'kienu x-xhieda prodotti

meta l-ebda provi u/jew xhieda ma tressqu quddiem il-Qorti msemmija u meta jirriżulta li l-Prosekuzzjoni anqas ingħatat iċ-ċans tagħmel il-każ tagħha. Dak li jirriżulta li sar mill-Ewwel Qorti huwa li qabbdet u ddikjarat l-każ prodott quddiemha bħala *non-starter* minħabba r-raġuni msemmija mingħajr anqas biss ma semgħet xejn. Għandu jingħad li f'każ li kien hemm xi ħaġa żbaljata fiċ-ċitazzjoni, il-Prosekuzzjoni setgħet tirtira ċ-ċitazzjoni jew titlob li ssir korrezzjoni u timxi minn hemm u f'każ li ma kien hemm xejn żbaljat fiċ-ċitazzjoni, l-appellat allura imputat seta' talab żmien sabiex jirregola ruħu. Minn dan ma seħħ assolutament xejn u dana peress li l-Ewwel Qorti ma tatx ċans li jsir xejn u qabbdet u qieset l-artikoli tal-liġi bħala ineżistenti.

Illi jkun opportun li f'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li għandu jkun fiha ċ-ċitazzjoni. Artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."

Illi riferenza għandha ssir għas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Diċembru 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Glenn Debattista** (Numru 9/2003) fejn din il-Qorti diversament preseduta rriteniet is-segwenti:

> "Kif ukoll ġie ritenut diversi drabi, minkejja l-emenda introdotta bl-Ordinanza IX ta' l-1911, iċ-ċitazzjoni baqgħet xorta waħda sempliċi "*avviso a comparire*" u mhux il-bażi ta' l-imputazzjoni; l-imputazzjoni tiġi formalment magħmula fl-istadju kontemplat fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu *(i)* tal-Artikolu 374 tal-Kodiċi Kriminali, reż applikabbli għal proċeduri *ex officio* bil-paragrafu (c) tal-Artikolu 375 (u fil-każ tal-Qorti

> Istruttorja, meta r-rapport jiġi konfermat bil-ġurament fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 390(1)). L-iskop tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 hu sabiex l-imputat ikun mill-bidu nett f'pożizzjoni li jkun jista' jiddefendi ruħu adegwatament, b'mod ukoll li f'kawżi sommarji huwa jressaq il-każ u l-provi tiegħu fl-istess ġurnata li jitressaq quddiem il-qorti u s-sentenza tingħata wkoll f'dik il-ġurnata (Art. 377(1)). Għalhekk, jekk "il-fatti ta' l-akkuża" ikunu ġew redatti b'tali mod li l-imputat ma jkunx jaf b'xhiex qed jiġi verament akkużat, sia għal dawk li huma fatti u sia għal dik li hija liġi, huwa jista' jew iġib din il-lanjanza a konjizzjoni tal-qorti sabiex il-qorti tordna lill-prosekuzzjoni tkun aktar ċara jew, wara li l-prosekuzzjoni tkun għalqet il-każ tagħha – u allura l-imputat ikun ċertament jaf x'inhuma l-fatti li jkunu qed jiġu imputati – jitlob differiment biex ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu. Mid-diversi verbali reġistrati quddiem il-Qorti Inferjuri imkien ma hemm l-iċken indikazzjoni li l-appellant, allura imputat, ma kienx jaf, jew ma setax ikun jaf wara d-deposizzjoni tax-xhieda prinċipali WPS Marisa Bartolo u l-Ispettur Stephen Mallia, x'kienu l-fatti li kienu qed jiġu imputati fil-konfront tiegħu. Għalhekk ukoll b'ebda mod ma jista' jingħad li l-appellant ġie preġudikat fid-difiża tiegħu."

Illi tajjeb jingħad li ċ-ċitazzjoni mhijiex Att ta' Akkuża iżda hija biss mezz li bih il-persuna mixlija tiġi mgħarrfa li nħarġu l-imputazzjoni/jiet kontra tagħha. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Settembru 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Psaila** (Numru 36/2006) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "Jiġi sottolinejat l-ewwelnett illi s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:
>
> > **"Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta'**

**lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw."**

Issa l-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna hi fis-sens li ċ-ċitazzjoni in kwistjoni mhix ħlief avviż lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti (*avviso di comparire*). Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:

> **"L-insenjament tal-qrati tagħna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tgħid univoku u ġie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Diċembru, 1948 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.* (Vol.XXXIII.iv.758) li daħlet ukoll fl-oriġini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, iċ-ċitazzjoni ma hi xejn ħlief avviż jew ordni sabiex il-ġudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-ħin u data li jiġu indikati lilu, minflok ma jinġieb quddiem dik il-qorti taħt arrest (Art. 360(1)). Din iċ-ċitazzjoni ma hix il-bażi tal-akkuża, bħalma hu l-każ tal-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuża jew imputazzjoni tiġi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-Prosekuzzjoni: *'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore'* (ara sentenza ċitata, paġna 761). Dan ifisser li ġaladarba l-persuna mħarrka effettivament tidher quddiem il-Qorti, il-funzjoni <u>prinċipali</u>**

> **taċ-ċitazzjoni (għax hemm funzjonijiet oħra, bħal, per eżempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jiġi akkużat sabiex ikun jista' jiddefendi ruħu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun ġiet eżawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Ġunju, 1989 fl-ismijiet *Il- Pulizija vs. Noel Zarb Adami*)."**
>
> [...]

Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali jirrikjedi biss li ċ-ċitazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuża. Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Schembr**i mogħtija fit-18 ta' Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), ġie spjegat:

> **"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod ċar ir-reat li tiegħu l-persuna tkun qed tiġi imputata, mingħajr il-ħtieġa ta' tiġbid ta' kliem jew immaġinazzjoni, jiġifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jiġi akkużat u għal liema reat jew reati jrid iwieġeb.""**

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq jirriżulta li l-appellant Avukat Ġenerali għandu raġun fl-aggravju mressaq minnu u għaldaqstant dan l-aggravju qed ikun milqugħ u b'hekk is-sentenza appellata qed tiġi revokata bil-konsegwenza li din il-Qorti ser tibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Ewwel Qorti sabiex il-każ jerġa' jinstema' u jiġi deċiż mill-ġdid skont il-liġi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u għaldaqstant tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-każ jerġa' jinstema' u jiġi deċiż mill-ġdid skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**